MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 43/2014

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Foresight Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank attur tas-17 ta' Jannar 2014 li jghid hekk:

Illi permezz tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Mark Coppini datat 6 ta' Marzu 2002 (Dok 'A') Foresight Holdings Limited ikkostitwiet ruhha debitrici tas-socjeta rikorrenti;

Illi wara li saru diversi pagamenti, is-socjeta intimata baqghet debitrici tal-intimati u ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u s-socjeta rikorrenti qieghda titlob l-awtorizzazzjoni skond l-artikolu 258 tal-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata Foresight Holdings Limited ghal-bilanc li ghadu dovut;

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt u li id-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn ... li jkun l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Semghet lil-avukat tal-bank rikorrenti li ddikjara li l-fatti ma nbiddlux mindu gie prezentat ir-rikors;

Billi mil-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors hi skond il-ligi;

Tilqa’ t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------